

P7_TA(2010)0412

Ftehim KE-Ukraina dwar il-koperazzjoni fil-qasam tax-xjenza u tat-teknoloġija ***

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonċerna t-tiġdid tal-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina (11364/2010 – C7-0187/2010 – 2009/0062(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (11364/2010),
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 186 u l-Artikoli 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), punt (v) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0187/2010),
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tas-26 ta' Novembru 2009¹ dwar il-proposta tal-Kummissjoni (COM(2009)0182),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 81, 90(8) u 46(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0306/2010),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għat-tiġdid tal-ftehim;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Ukraina.

¹ ĠU C 285 E, 21.10.2010, p. 170.